MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 5/2003/1

**Jesmond u Beatrice konjugi Sacco**

**vs**

**Concetta u Dennis konjugi Charles**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Frar, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5,000.00,0) rifuzjoni ta' somma mhallsa lilhom ghall-proceduri ta' adozzjoni skond ftehim datat 8 ta' Frar tas-sena 2001 (Dok. JS1), u liema ftehim skada u tilef l-effetti kollha tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali prezentata f'Novembru tas-sena 2002, u bl-imghax mid-data li skada l-ftehim (8 ta' Frar tas-sena 2002).

Il-konvenuti huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-4 ta' Frar tas-sena 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Il-konvenuti appellaw minn din id-decizjoni bl-aggravji dettaljati minnhom bil-mod segwenti:-

i. <u>fil-kaz tal-appellant Dennis Charles</u> – in-nullita` tal-proceduri billi fil-mument tan-notifika ta' l-avviz promotur dan kien assenti minn Malta u mizmum fil-Pakistan. L-appellant isostni illi b'dan kienu jafu l-atturi appellati anke ghaliex dan il-fatt kien ta' dominju pubbliku. Izid jigi aggunt illi ladarba l-appellati kienu qeghdin jitolbu l-kundanna ghall-hlas taz-zewg konvenuti dawn kellhom jigu notifikati t-tnejn li huma;

ii. <u>fil-kaz tal-appellanti Concetta Charles</u>, u dan ighodd ukoll ghall-appellanti l-iehor, jinsab sottomess illi l-assenza taghhom mill-proceduri hu spjegat u gustifikat mill-fatt tac-cirkostanzi prevalenti tal-istat psikologiku trawmatizzant minhabba z-zamma tal-appellanti Dennis Charles fil-Pakistan, u problemi finanzjarji notevoli;

iii. kwantu ghall-meritu, t-talba tal-atturi kienet prematura, ntempestiva u zbaljata – dippju legalment il-ftehim ma kienx jaghtihom dritt jirreklamaw il-hlas talli

preventivament kellu jkun hemm id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-appellanti Concetta Charles illi hi ma setghetx iggibilhom it-tarbija mill-Pakistan.

L-atturi appellati wiegbu illi n-notifika tal-att promotur saret konformement skond l-Artikolu 185 tal-Kap 12, li ma ngiebet mill-appellanti l-ebda raguni valida ghall-istat kontumacjali taghhom u dippju t-terminu tal-iskrittura ta' ftehim kien skada meta huma ressqu t-talba taghhom ghall-hlas.

Huwa evidenti mill-kontenut tal-aggravji illi, apparti l-meritu, hawn ghandna zewg kwestjonijiet preliminari li jehtiegu ezami, epurazzjoni u decizjoni qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu.  Dawn iz-zewg kwestjonijiet jikkoncernaw in-nullita` tan-notifika tal-atti fir-rigward ta' wiehed mill-appellanti u l-fatt tal-kontumacja.

Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Novembru 1989 fil-kawza fl-ismijiet "**Emanuel Stellini -vs- Carlo Vella et**", "il-kwestjoni tan-nullita` tan-notifika 'de quo' u l-kontumacja tal-konvenut huma zewg kwestjonijiet differenti.  Infatti kieku n-notifika tac-citazzjoni kienet nulla l-appellant ma kienx jista' jkun meqjus li kien kontumaci u l-kawza ma kienetx tista' timxi l-quddiem qabel ma l-konvenut jigi notifikat mill-gdid skond il-ligi".

Kwantu ghal kontumacja, mbaghad, hu ferm pacifiku illi ghalkemm il-kontumaci mhux prekluz li jappella u jitratta huwa pero` ma jistax igib provi u xhieda quddiem din il-Qorti kemm il-darba ma jiggustifikax in-nuqqas tieghu (**Kollez Vol XXXI pI p139**; **Vol XLII pI p517**).

Premessa din l-introduzzjoni, jibda biex jigi osservat illi fir-rigward tan-notifika ta' atti gudizzjarji l-ligi tipprovdi f'termini precizi kif din kellha ssir u f'idejn min setghet tithalla kopja tal-iskrittura.  Hekk l-Artikolu 185 tal-Kap 12 jahseb ghal kaz illi fejn tnejn minn nies li jenhtieg jigu notifikati bi skrittura, wkoll jekk jghixu fl-istess indirizz, dawn ghandhom kull wiehed minnhom jigi nnotifikat b'kopja ta' dik l-iskrittura.  L-Artikolu 187 (i) imbaghad jippreciza illi l-kopja destinata lil min ghandu jigi hekk

innotifikat tista’ tithalla f’idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f’idejn wiehed fis-servizz ta’ dik il-persuna jew f’idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha.

Minn ezami tal-atti, kompriz ir-riferti tal-Marixxal u l-‘pink cards’, dan hu dak li fil-fatt sehh f’dan il-kaz. Il-konvenuti gew notifikati b’kopja kull wiehed tal-iskritturi u dawn thallew f’idejn persuna li skond il-ligi setghet tircevihom. Anzi, strettament f’dan il-kaz lanqas ma jista’ jinghad jekk il-kopja destinata lill-appellanti Dennis Charles thallietx f’idejn martu jew inghatatx direttament lilu. Apparentement kemm skond il-pink cards, fejn iz-zewg firem huma ben distinti, kif ukoll skond ir-riferti tal-Marixxal ma jirrizultax illi l-iskrittura destinata lill-imsemmi appellant thalliet f’idejn xi haddiehor, membru tal-familja, u mhux f’idejn l-istess appellant.

Ankorke` dan ma kienx hekk il-kaz din il-Qorti xorta wahda mhiex propensa takkolji l-aggravju f’dan il-kuntest.  Dan mhux biss ghaliex l-allegazzjoni tal-fatt notorju u pubbliku tal-assenza ta’ dan l-appellant hi biss asserzjoni gratuwita, minn imkien mill-atti sostenuta b’xi dokument li jattesta dan l-istess fatt, l-anqas ma jfisser illi dan l-istess fatt kien maghruf mill-atturi appellati fil-mument tal-proponiment tal-azzjoni.  Din il-Qorti, imbaghad, difficilment tifhem kif fil-mument opportun, jekk verament kien assenti, l-appellanti l-ohra ghogobha taccetta n-notifika tal-iskrittura flok irrifjutata jew inqdiet bl-ghodod procedurali konsentita lilha mil-ligi li tirritorna lura l-att hekk notifikat jew iggib dan il-fatt a konjizzjoni tal-Qorti fil-mument meta kellha taghmlu.  Jidher li dan ma ghamlitux ghax f’anqas minn xahar u nofs mill-introduzzjoni tal-kawza hi stess appellat mis-sentenza, ukoll fil-kwalita` ta’ mandatarja ta’ zewgha. Dan kollu ghall-Qorti jfisser illi ma tressqu l-ebda cirkostanzi cari u mpellenti mill-appellanti li jissuggerixxu lill-Qorti gustifikazzjoni xieraq li n-notifika li saret ma tikkonformax ruhha mal-vot tal-ligi.

Dwar l-ilment sollevat mill-appellanti Concetta Charles tal-istat kontumacjali taghha din il-Qorti ezaminat bir-reqqa dan l-aggravju taghha u tista’ tghid mill-ewwel, a skans ta’

ekwivoci, illi l-istess bhal fil-kaz tal-aggravju sollevat tal-aspett procedurali, fid-dawl tar-rizultanzi processwali u tar-risposta tal-appellanti, ma tara l-ebda raguni biex b'xi mod tiggustifika l-aggravju ta' din l-appellanti f'dan il-kuntest.

Issa tajjeb qabel xejn li jigi osservat illi f'dan il-kaz is-sentenza appellata nghatat mhux biss fil-kontumacja tal-konvenuti li baqghu ma dehrux quddiem l-ewwel Qorti izda wkoll wara li naqsu li jidhru biex jikkontestaw il-kapitolu. Kif rilevat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' April 1998 fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Borg -vs- Samuel Veneziani**", "din ic-cirkostanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser li bin-nuqqas tal-konvenut appellant li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret il-prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu ghar-ragunijiet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut. Dan necessarjament iwassal ghal konkluzjoni illi l-appellant mhux qieghed jittanta li jappella fi proceduri fejn hu sempliciment kontumaci u allura kien bizzejjed ghalih li jiggustifika l-kontumacja tieghu biex jittratta l-appell tieghu. L-appellant qieghed fis-sitwazzjoni nfelici fejn irid mhux biss jiggustifika l-kontumacja tieghu, imma wkoll li jirribatti l-prova maghmula permezz tal-kapitolu li hu kien imsejjah biex jirrispondi".

Affermat dan il-punt, din il-Qorti, kif gja ntqal, ma ssib l-ebda gustifikazzjoni fuq il-bazi tar-ragunijiet moghtija, biex leggerment tispurga l-kontumacja jew in-nuqqas ta' dehra fil-proceduri mill-appellanti biex iwiegbu u jirrezistu l-kapitolu.

Mill-assjem tal-komportament tal-appellanti fis-sitwazzjoni minnha nkwadrata fir-rikors ta' l-appell, anke jekk din is-sitwazzjoni tista' titqies sfortunata, jidher li din kienet f'posizzjoni psikologika li tirreagixxi b'mod normali. Dan hu spjegat mill-fatt ovvju tal-introduzzjoni tal-appell innifsu. Dan f'temp ta' ftit gimghat minn meta bdew il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Ma kienx hemm allura raguni serja biex din l-appellanti ma tikkorrispondiex mad-direttivi moghtija lilha mill-ewwel Qorti u tmur ghand l-Avukat ta' fiducja taghha biex tirrispondi fiz-zmien utili jew biex

tikkuntesta l-kapitolu. Il-fatt li din marret ghand l-Avukat wara li kien skada t-terminu u s-sentenza kienet definita jimmilita kontra u mhux favur taghha. F'dan l-istess sens kienet id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, kolleggjalment komposta, tas-7 ta' Ottubru 1997 fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Silvio -vs- Loreta Casha et**".

Is-sentenza fl-ismijiet "**Vittorio Cassar –vs- Carmelo Vassallo**", Appell, Sede Inferjuri, 29 ta' Mejju 1937, (**Kollez Vol XXIX pI p1581**) telenka dawn il-principji in materja ta' kontumacja, u cjoe`:

1. "Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet voluntarja;

2. Anqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;

3. Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;

4. Din il-kawza gusta ghandha tikkonsisti f'impediment legittimu;

5. L-impediment biex ikun legittimu, ghandu jkun jiddependi mill-volonta` tal-kontumaci;

6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun zball vincibbli, allura jigi ekwiparat ghal kolpa;

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibbli";

8. L-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni, jew almenu d-diffikolta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali."

Mod jew iehor dawn il-principji gew konsegwiti f'bosta sentenzi ohra ta' dawn l-ahhar snin li rassenja dwarhom

insibuha ahjar kompendjata fid-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell tal-1 ta’ Dicembru 2000 fil-kawza fl-ismijiet “**Emanuel Ebejer et –vs- Philip Attard**”, ghal liema qed issir pjena riferenza.

Raggunta l-konkluzjoni surreferita u stante allura l-istat kontumacjali fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, li anke issa f’din is-sede, fil-fehma ta’ din il-Qorti, baqghet ingustifikata u nieqsa mill-konvinzjoni, l-aggravju tal-appellanti fil-meritu jitlef kull sinifikat. Dan l-aggravju jibqa’ ghalhekk impernjat fuq fatti li jibqghu biss allegati izda mhux ukoll provati. U allura l-Qorti hi obbligata tinjorahom bhala li ma humiex fl-atti. Dan apparti l-fatt ukoll illi kif sewwa rilevat mill-appellati l-effetti tal-iskrittura ta’ ftehim kienu sorpassati bid-dekorriment taz-zmien gjaladarba t-termini ghas-sosteniment tal-pattijiet fiha kontenuta kien dak ta’ sena u din skadiet fit-8 ta’ Frar 2002.

Ghall-motivi kollha suesposti din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b’hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-istanza prezenti ghandhom ukoll jitbatew mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

------------------------------TMIEM------------------------------